MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 51/2007/1

**Cordina Insurance Agency Limited ghal Schwarzmeer und Ostsee Versicherungs – Aktiengesellschaft**

**vs**

**John Abela Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Dicembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u dan kwantu ghal hames mitt lira Maltin (Lm500) dovuta bhala *excess* fuq polza 13054241 mahruga mis-socjeta' attrici fuq *claim* numru 19190513 rigwardanti

incident stradali fis-16 ta' Dicembru, 2005 fl-Italja u hames mitt lira Maltin (Lm500) dovuti bhala *excess* fuq l-istess polza rigwardanti *claim number* 20130613 wara incident stradali fl-Italja fit-13 t'April, 2006.

Ghalhekk elfejn lira Maltin (Lm2,000) b'kollox. Bl-imghax skond il-ligi u spejjez legali komprizi hdax-il lira Maltin u tmenin centezmu (Lm11.80c) ghall-ittra bonarja, anzi ittra ufficjali flimkien mad-dritt tar-registru tmien liri Maltin (Lm8) ghal din l-ittra Claim 20130613 u l-istess ammont ta' dsatax-il lira Maltin u tmenin centezmu (Lm19.80c) ghall-Claim 19190513 – mela disgha u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm39.60c). Is-socjeta' konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi:

1. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet hawn taht imsemmija, jigi sottomess bir-rispett li dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti stante li l-allegati incidenti skond l-Avviz stess graw wiehed fir-Renju Unit u l-iehor fl-Italja, u ghalhekk jezorbitaw mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

2. Ukoll in-nullita' ta' l-Avviz minhabba li jekk jigi ammess li saru xi incidenti u li b'xi mod hija responsabbli ghalihom is-socjeta' konvenuta, tali procedura ghad-danni setghu gew intavolati mill-persuni jew socjeta' l-ohra involuta fl-incident.

3. Illi bl-ebda mod ma gie ppruvat li s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghall-allegati incidenti u ghalhekk minghajr dikjarazzjoni tar-responsabbilta' ta' l-incident ma jista' jkun qatt li s-socjeta' konvenuta tkun responsabbli ghal xi danni. Is-socjeta' attrici f'ebda hin ma biss talbet li t-Tribunal jaghmel xi dikjarazzjoni dwar ir-responsabbilta' ta' l-incident.

4. F’dan l-ahhar kaz it-talba attrici wkoll tezorbita mill-kompetenza ta’ dan it-Tribunal *rationae materiae*.

5. Bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta’ konvenuta tirrileva li dawn iz-zewg incidenti ma kellhom l-ebda ness ma’ xulxin u ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta’ attrici tispjega ghalxiex agixxiet b’kawza wahda.

6. Illi minghajr l-ebda awtorizzazzjoni s-socjeta’ attrici qed jallegaw li huma qabbdu u hallsu z-zewg claims bin-numru 19190513 rigwardanti incident stradali li sehh fis-16 ta’ Dicembru, 2005 fl-ammont ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) u 20130613 rigwardanti l-incident stradali li sehh fit-13 t’April, 2006. Jinkombi fuq is-socjeta’ attrici li tipprova li hi kellha xi mandat minghand is-socjeta’ intimata biex taghmel dan.

Sema’ x-xhieda ta’ Leslie Borg, Maurice Cordina u ta’ Charles Abela.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Kevin Camilleri Xuereb ghas-socjeta’ attrici u ta’ Dr Stephen Farrugia Sacco ghas-socjeta’ konvenuta.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi s-socjeta’ attrici harget polza ta’ assikurazzjoni 13054241 relattiva ghall-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAA 269 u s-socjeta’ konvenuta hija l-persuna assigurata taht l-istess polza. Is-socjeta’ attrici qeghda tikkontendi illi waqt li din il-vettura kienet koperta bl-imsemmija polza kollokjament maghrufa bhala *green card cover*, fl-Italja, din kienet involuta f’zewg incidenti,

wiehed fis-16 ta' Dicembru, 2005 u l-iehor fit-13 t'April, 2006.

Is-socjeta' konvenuta ssostni illi m'hemmx provi sufficjenti li attwalment graw dawn iz-zewg kollizjonijiet fis-sens illi meta giet infurmata mis-socjeta' attrici dwar dan, dehrilha li ma kienx hemm provi sufficjenti dwarhom jew li s-sewwieq taghha kien responsabbili ghalihom. Tghid li d-*drivers* taghha nnegaw li kienu involuti f'incidenti simili.

Meta s-socjeta' attrici giet infurmata bl-imsemmija kollizjonijiet u l-claims relattivi minghand il-persuni danneggjati fl-Italja, hija nfurmat lill-*broker* tas-socjeta' konvenuta cjoe' Peak Insurance Brokers Limited izda pprocediet biex hallset dawn il-claims billi dehrilha li l-assigurat kellu tort u ghalhekk biex jigu minimizzati l-ispejjez legali hija hallset u fil-kawza odjerna qeghda titlob rimbors ta' ammont ekwivalenti ghall-*excess* ghal kull *claim* billi l-ammont imhallas mis-socjeta' assigurattrici kien aktar mill-*excess*. L-*excess* applikabbli ghall-hlas odjern huwa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) ghal kull claim.

Galadarba s-socjeta' konvenuta kkontestat l-ezistenza ta' l-imsemmija kollizjonijiet u li f'kull kaz, min kien qed isuq il-vettura relattiva ma kellux tort, jinkombi fuq is-socjeta' attrici sabiex iggib prova sodisfacenti dwar dan.

Fir-rigward tal-kollizjoni li sehhet fit-13 t'April, 2006 giet ezebita ittra mibghuta mill-Avukat Dino Artusi fejn dan afferma illi l-kollizjoni sehhet meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAA 269 kienet qeghda taghmel manuvra ta' *reversing* u b'rizultat ta' dan ikkawzat danni fir-recint tal-proprjeta' mmobiljari tal-klijent tieghu Fomma S.p.a. L-incident sehh f'Monte Marenzo fit-8.30 ta' filghaxija. L-esponenti jidhirlu illi fl-atti tal-kawza, dwar dan l-incident kien hemm provi cari bizzejjed

dwar dan l-incident kemm mix-xhieda ta' Maurice Cordina kif ukoll mid-dokumenti minnu esebiti Dok. MC1, MC2 u MC3. Illi ghalhekk kien jispetta lis-socjeta' konvenuta sabiex tipproduci s-sewwieq tal-vettura in kwistjoni sabiex jaghti l-verzjoni tieghu. Sahansitra huwa relevanti hafna l-fatt illi l-Avukat Taljan anki baghat kopja tac-certifikat ta' l-assigurazzjoni applikabbli ghall-kaz u fuq din il-kopja hemm miktub il-kliem:

*"Polizza Assicurazzione Camion. Recinzione Fomma tra cancello uffici. Cancello ingresso auto."*

It-Tribunal huwa tassew sorpriz li s-socjeta' konvenuta qeghda tafferma li ma kienetx taf b'dan l-incident jew li verament is-sewwieq li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni ddikjara li ma kienx jaf b'dan l-incident ghaliex biex is-socjeta' Fomma S.p.a. kellha kopja ta' dan ic-certifikat, minn x'imkien gabuha. Il-probabbilta' hija li kien l-istess driver li tahom kopja ta' dan ic-certifikat. Wiehed ikun gustifikat jahseb li huwa seta' ghamel hekk b'hekk iserhilhom rashom li l-vettura kienet debitament assigurata u b'hekk it-trakk minnu misjuq seta' jigi rilaxxat u jkompli ghaddej bix-xoghol. F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jidhirlu li n-negazzjoni ta' l-incident da parti ta' Charles Abela m'hijiex bizzejjed. Huwa minnu li dan it-Tribunal jista' jaccetta *hearsay evidence* bhala prova u li ghalhekk seta' jaccetta dak li qal Charles Abela meta kellem lid-driver/s pero' f'dan il-kaz partikolari t-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta' konvenuta, rinfaccjata mix-xhieda u dokumenti fuq imsemmija, kieku verament riedet tikkontesta l-ezistenza u responsabbilta' ta' l-incident kellha tipproduci lid-driver innifsu.

Illi ghalhekk ghar-rigward ta' dan l-incident it-Tribunal jidhirlu li hemm prova sufficjenti f'dan ir-rigward u li attwalment sehhet il-kollizjoni u li l-kollizjoni kienet imputabbli ghas-sewwieq tal-

vettura tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk skatta obbligu fuq is-socjeta' assigurattrici sabiex tkopri lill-vittma koncernata.

Illi ghar-rigward tal-kollizjoni l-ohra, din sehhet fis-16 ta' Dicembru, 2005 u milli jidher din kienet *hit and run* fis-sens illi hemm rapport ta' xhud okulari, cjoe' Rosanna Spadofaro li affermat illi dakinhar hija kienet qeghda gewwa Via Amarena f'Sant Ulisse u kien hemm karozza Fiat Panda pparkjata bin-numru ta' registrazzjoni CD384LB u din giet milquta minn trakk li kellu *number plate* Malti bl-ittri DAA 269 (vide dokument fol 57 tal-process). Ma' dan id-dokument hemm ukoll kopja tal-karta ta' l-identita' ta' l-istess xhud a fol 56 tal-process u giet esebita wkoll *e-mail* mibghuta mill-Avukat Viviana Vianattieri u *invoice* tad-danni u drittijiet legali relattivi.

F'dan ir-rigward ukoll it-Tribunal huwa tal-fehma illi dawn huma sufficjenti biex jistabbilixxu fi grad ta' probabbilta' illi l-incident sehh ezattament kif spjegat l-imsemmija xhud u li l-affermazzjoni ta' Charles Abela ta' John Abela Limited fejn semplicement qal li s-sewwieq tieghu nnega tali incident minghajr ma tela' l-istess sewwieq sabiex jixhed m'huwiex bizzejjed biex ixejjen tali prova u konsegwentement it-Tribunal iqis illi dawn huma provi sufficjenti sabiex jistabbilixxu illi l-incident in kwistjoni sehh b'responsabbilta' ghas-sewwieq tal-vettura tas-socjeta' konvenuta u li tali incident sar fil-perjodu u fil-post li jaqa' taht il-kopertura tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni.

Jirrizulta wkoll ippruvat illi d-danni subiti kienu aktar mill-ammont ta' l-*excess* izda f'din il-kawza s-socjeta' attrici qeghda titlob rimbors ta' l-*excess* biss.

Stabbilit il-premess jonqsu biex jigu kkonsiderati l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta' konvenuta.

L-ewwel eccezzjoni ssostni illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza billi l-incidenti ma grawx Malta izda f'dan ir-rigward it-Tribunal huwa tal-fehma illi fil-kawza odjerna l-kwistjoni hija naxxenti minn applikazzjoni tal-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fil-polza ta' assigurazzjoni. Il-polza ta' assigurazzjoni giet iffirmata bejn is-socjeta' Cordina Insurance Agency Limited bhala agent tas-socjeta' estera, giet iffirmata f'Malta mas-socjeta' konvenuta li hija wkoll kumpanija Maltija u fil-polza l-*jurisdiction clause* numru 11 huwa car illi l-Qrati (u anki dan it-Tribunal) Maltin ghandhom gurisdizzjoni sabiex jiddeterminaw kwistjonijiet simili u konsegwentement din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni hija fis-sens illi l-Avviz huwa null billi l-kawza ma saritx mill-persuni attwalment danneggjati jew li kienu nvoluti fl-incidenti in kwistjoni. Din l-eccezzjoni wkoll qeghda tigi michuda billi fil-kawza odjerna s-socjeta' attrici qeghda tagixxi *ex contractu* abbazi tal-pattijiet u kundizzjonijiet naxxenti mill-imsemmi kuntratt ta' assigurazzjoni u m'hijiex qeghda tagixxi bhala mandatarja tal-persuni ossija vittmi ta' l-incidenti in kwistjoni. Kien ikun ben divers kieku s-socjeta' attrici kienet qeghda tassigura dawn il-vittmi w allura f'dan il-kaz l-azzjoni kienet issir jew minnhom stess, jew, wara li jigu debitament kompensati, mill-assigurazzjoni bhala surrogata fid-drittijiet taghhom.

Fil-kaz odjern is-socjeta' attrici qeghda tagixxi kontra l-assigurat taghha stess talli l-istess assigurat ma hallasx l-*excess* li huwa obbligat ihallas taht il-polza u konsegwentement din it-tieni eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Fit-tielet eccezzjoni, apparti li s-socjeta' konvenuta eccepiet li m'hijiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni qeghda ssostni li t-talbiet huma mankanti

billi m'hemmx talba ta' dikjarazzjonijiet ta' responsabbilta'.

It-Tribunal jidhirlu illi tali talba dikjaratorja m'hijiex necessarji stante illi fl-Avviz kif propost jidher car bizzejjed dwar dak li qed jigi mitlub mis-socjeta' attrici. Ovvjament dikjarazzjoni ta' responsabbilta' hija dikjarazzjoni necessarja biex twassal ghall-eventwali determinazzjoni ta' dak mitlub mis-socjeta' attrici izda l-fatt li ma saritx talba *ut sic* ma jfissirx li l-Avviz qieghed jigi rez null jew li hemm xi haga hazina li twaqqaf l-andament ta' din il-kawza. L-Avviz innifsu huwa car bizzejjed u minnu jidher ovvju li s-socjeta' konvenuta fehmet ezatt dak li kien qed jigi mitlub minn ghandha u ghalhekk anki din it-tielet eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Ir-raba' eccezzjoni hija illi t-talbiet attrici jezorbitaw il-kompetenza ta' dan it-Tribunal *rationae materiae*. L-eccezzjoni nnifisha kif proposta ma tantx taghti dawl x'ried ifisser il-konvenut meta ressaq din l-eccezzjoni izda waqt it-trattazzjoni l-abbli avukat difensur spjega illi din tfisser zewg affarijiet u cjoe' fl-ewwel lok illi fil-polza ta' assigurazzjoni hemm klawsola arbitrali u ghalhekk galadarba l-partijiet ftehmu fil-kuntratt li kwalunkwe kwistjoni tigi rimandata ghall-Arbitragg, dan it-Tribunal m'ghandux il-kompetenza li jisma' l-vertenza. Fit-tieni lok huwa spjega wkoll illi galadarba l-claim in kwistjoni johrog minn kollizjoni allura taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104 u l-Att dwar l-Arbitragg, dan huwa wiehed mill-kazijiet meta ghandu jkun hemm *compulsory arbitration* (arbitragg mandatorju fit-test Malti) u li konsegwentement dan it-Tribunal m'ghandux ikollu kompetenza. Jigi rilevat illi l-kaz odjern jirrigwarda claim abbazi ta' assigurazzjoni fuq kollizjonijiet li sehhew barra minn Malta. Skond ir-Raba' skeda tal-Kap. 387 (kif emendat bl-Avviz Legali 279 tal-2005), huwa mhollija ghall-*compulsory arbitration* is-segwenti:

*"1.2 Motor Traffic Disputes*
*Any civil or commercial disputes, not being one in connection with a claim for damages for personal injuries, being a dispute arising from:*
*(a) any collision between vehicles, or*

*(b) any involuntary damage to property involving vehicles, or*

*(c) any such claim against an authorized insurer, an assurance company, an underwriter approved by the Minister responsible for transport or other person who in accordance with the Motor Vehicles Insurance (Third- Party Risks) Ordinance (Cap. 104) or any policy of insurance may be liable therefor, and*

*(d) the value whereof does not exceed five thousand liri."*

Il-kollizjonijiet imsemmija fil-kawza jaqghu entro s-subincizi (a) u (b) fuq imsemmija izda t-Tribunal huwa tal-fehma li xorta wahda l-vertenza m'hijiex wahda minn dawn inkluzi fl-imsemmija dispozizzjonijiet billi l-vertenza hija naxxenti mill-polza u mhux mill-kollizjonijiet. Il-kollizjonijiet huma fatturi relevanti izda t-talba attrici tipprospetta ruhha fl-applikabbilta' tal-polza. Konsegwentement il-vertenza hija *"arising from"* il-polza ta' assigurazzjoni u mhux mill-eventi kontemplati fis-sub-incizi (a) u (b) fuq imsemmija. Lanqas ma japplika s-sub-inciz (c) billi t-talba qed issir minn u mhux kontra *"authorised insurer"*.

Apparti dan it-Tribunal ghandu dubji dwar l-applikabbilta' ta' l-imsemmija dispozizzjonijiet billi l-validita' taghhom huwa in dubju u f'dan ir-rigward issir referenza ghall-kawza deciza mill-QORTI CIVILI PRIM' AWLA (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI) (TM) fid-19 t'Ottubru, 2007 fl-ismijiet **"Anthony Grech vs Claire Calleja et"** fejn il-Qorti ddikjarat illi:

"L-Avviz 279 tal-2005, fejn jolqot kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar taht il-Kap. 380, imur kontra l-provvedimenti ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), u kwindi m'huwiex vinkolanti u ma jorbotx lill-imsemmi Tribunal."

Illi dwar il-fatt li fil-kuntratt ta' assikurazzjoni hemm dispost illi kwalunkwe azzjoni naxxenti mill-kuntratt ghandha tigi mhollija ghall-Arbitragg, it-Tribunal ihoss illi ghalkemm dawn il-klawsoli ghandhom l-utilita' taghhom, ma jfissirx illi persuna b'daqshekk qeghda tabbanduna d-drittijiet taghha li tressaq l-ilmenti taghha gudizzjarjament quddiem il-Qrati Ordinarji.

Tajjeb li ssir referenza ghall-kawza **"Calibre Industries Limited Vs Muscat Motors Limited"** deciza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili (JA) fis-7 ta' Lulju, 2004 u kkonfermata fl-Appell fil-25 ta' Frar, 2005 fejn il-Qorti qalet hekk:

"Illi l-Qorti trid tiddeciedi ghandhiex gurisdizzjoni minhabba li fil-kuntratt li ta lok ghall-kawzi fl-Artikolu 53 ipprovda illi;

*"Any dispute in respect of which an amicable settlement after a disputes (sic) has not been reached shall be finally settled by arbitration in Malta by a panel of arbitrators, one nominated by the parties and a third by the other arbitrators."*

"Din il-Qorti kellha recentement okkazzjoni tippronunzja ruhha fil-mertu fil-kawza fl-ismijiet Marco Attard Vs SMS Insurance Agency (deciza in parte fl-20 ta' Frar, 2004).

F'din il-kawza il-Qorti kienet ikkonkludiet illi:-

*“Dan il-kaz ghandu aspetti partikolari ghaliex il-konvenuti … qed jeccepixxu wkoll li l-polza hija nulla fis-sens li m’humiex obbligati li jirrimborzawh. … Barra minn hekk … jidher li ma rrispondewx ghall-ittra ufficjali ta’ l-attur illi giet prezentata qabel il-kawza. Ghalhekk kif argumentat fis-sentenza Gatt Vs Facchetti (Qorti ta’ l-Appell 10 t’Ottubru, 2003) … billi arbitragg ma jistax imur wiehed wahdu dan il-fatt wahdu ghandu jispingi l-Qorti biex tichad l-ewwel eccezzjoni. Lanqas hu gust li wiehed joqghod jistenna li jigi mharrek biex imbaghad jiftakar li seta’ invoka arbitragg meta l-attur ghamel it-talba tieghu lill-konvenuti.”*

“Ghandu jinghad li hemm sentenzi fejn din l-eccezzjoni giet akkolta (ara per ezempju Laferla Vs Mizzi Appell – 1964 fejn il-konvenut (dipartiment tal-Gvern) kien eccepixxa li l-kuntratt in kwistjoni kien jipprovdi li f’kaz ta’ nuqqas ta’ qbil il-konvenut stess kellu d-dritt illi jirriferi l-kaz lill-Bord kostitwiti apposta. L-istess ghamel il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza moghtija fil-5 ta’ Gunju, 1985 fil-kawza fl-ismijiet Casha Vs Mizzi. Sentenzi iktar recenti pero’ ddecidew mod iehor minhabba c-cirkostanzi tal-kaz.

Per ezempju fil-kawza fl-ismijiet Ellul Vs Bowman (28 t’April, 1993) il-Qorti tal-Kummerc cahdet l-eccezzjoni ghaliex fil-fehma taghha l-hekk imsejha *proper law* tal-kuntratt kienet dik Maltija.

“Il-kawza fuq imsemmija Gatt Vs Facchetti giet deciza favorevolment ghall-attur ghaliex il-Qorti dehrilha li l-konvenut ma kienx ta kaz ghall-interpellazzjonijiet ta’ l-attur li allura ma kellu ebda alternattiva ohra hlief li jiftah il-kawza.

“Fil-kaz odjern is-socjeta’ attrici esebiet zewg dokumenti a fol 82 u 83 tal-process li minnhom jidher illi hija interpellat lis-socjeta’ konvenuta permezz ta’ faxes datati 25 ta’ Mejju, 2001 u 9 t’April ta’ l-istess sena biex jinbdew il-proceduri

ghall-arbitragg. Jidher li s-socjeta' konvenuta naqset illi tirrispondi u l-kawza giet intavolata fis-27 ta' Lulju ta' l-istess sena.

Ghalkemm mid-depozizzjonijiet jidher li saru xi laqghat, is-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda prova illi in effetti ghamlet xi haga biex tibda l-proceduri ta' l-arbitragg. Hu minnu li l-atturi fid-dokumentazzjoni taghhom ma ppruvawx illi per ezempju nnominaw l-arbitru da parti taghhom izda wiehed kien jistenna illi almenu l-konvenuti juru xi forma ta' kollaborazzjoni biex isir l-arbitragg. Kif hu maghruf, arbitragg ma jistax isir jekk iz-zewg partijiet ma jikkollaborawx ghall-ezekuzzjoni tieghu u kwindi l-atturi wahedhom zgur ma setghux jaghmlu dan u fil-fehma tal-Qorti ma setghux jaghmlu haga ohra hlief jistitwixxu l-kawza fejn allura l-konvenuti kellhom bilfors jirrispondu."

Dan il-hsieb gie abbraccjat u kkonfermat fl-Appell u dan it-Tribunal jaqbel perfettament mieghu. Huwa evidenti li minkejja li saru xi laqat bejn il-partijiet qabel ma bdew il-proceduri odjerni, ma jidhirx li l-konvenut qatt invoka talba biex il-vertenza tigi ddeterminata bl-arbitragg.

Illoltre, bil-fatt li gew istitwiti l-proceduri odjerni ma jirrizultax illi b'daqshekk kien hemm xi pregudizzju soffert mis-socjeta' konvenuta u f'kull kaz, ghalkemm huwa koncess illi f'Arbitragg l-ispejjez normalment ikun anqas, quddiem dan it-Tribunal l-ispejjez legali ma tantx huma gholjin u konsegwentement ghar-ragunijiet fuq imsemmija u galadarba li m'hemmx pregudizzju ghas-socjeta' konvenuta, jkun gust u ekwu li din l-eccezzjoni tigi michuda.

Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni fejn is-socjeta' konvenuta eccepiet illi z-zewg incidenti m'ghandhomx ness ma' xulxin, it-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa possibbli legalment li wiehed iressaq azzjoni bbazata fuq diversi kawzali u dan

partikolarment billi l-azzjoni skattata minn polza ta' assigurazzjoni wahda. It-Tribunal ma jirraviza l-ebda skorrettezza – anzi hija rakkomandabbli billi b'hekk ikun hemm ekonomija tal-gudizzju li hija vantagguza kemm ghall-partijiet kif ukoll ghall-ahjar amministrazzjoni tal-Gustizzja. Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Illi waqt it-trattazzjoni l-abbli Avukat difensur tas-socjeta' konvenuta semma' illi s-socjeta' attrici ma segwietx il-procedura kif stipulata fl-Artikolu 15 4(a) u (b) tal-Kapitolu 104 fis-sens illi l-assigurazzjoni ma tatx avviz bil-miktub permezz ta' ittra registrata jew ittra ufficjali lill-assigurat u konsegwentement ma tistax tavalla ruhha billi tippresumi illi l-assigurat accetta l-hlas tal-claim.

F'dan ir-rigward huwa minnu li s-socjeta' assigurattrici ma segwietx l-imsemmija procedura u ghalhekk ma tistax tavalla mill-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi izda kontra dan hemm dak li hemm stipulat fil-kuntratt ta' assigurazzjoni u partikolarment il-klawsola numru 7 li tiddisponi hekk:

*"At any time after the happening of any event giving rise to a claim or series of claims under Section 2.1(b) and Section 2.2(b) of this policy, the company may pay to the insured or any person claiming to be indemnified the full amount of the company's liability under Section 2.1(b) and Section 2.2(b) and relinquish the conduct of any defence, settlement or proceedings and the company shall not be responsible for any damage alleged to have been caused to the insured or any such person in consequence of any alleged action or omission of the company in connection with such defence, settlement or proceedings or the company relinquishing such conduct nor shall the company be liable for any costs or expenses whatsoever incurred by the insured or such person or by any claimant or any other person*

*after the company shall have relinquished such conduct.”*

Illi l-kaz odjern jaqa’ taht id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 2.2(b) cjoe’ *damage to property* u konsegwentement a tenur ta’ l-imsemmija dispozizzjoni s-socjeta’ assigurattrici hija libera biex tghaddi ghall-hlas ossija indennizz tal-persuni li qeghdin jitolbu kumpens in segwitu ghall-incident li jaqa’ fl-ambitu tal-polza ta’ assigurazzjoni u biex jaghmlu hekk m’hemmx bzonn li jkollhom l-awtorizzazzjoni jew permess ta’ l-assigurat.

Naturalment, jekk is-socjeta’ assigurattrici tghaddi biex taghmel hekk minghajr ma ssegwi l-procedura tal-Kapitolu 104, hija ma tistax tippresumi illi l-assigurat taghha huwa fit-tort. Kieku segwiet il-procedura tal-Kapitolu 104 Artikolu 15, u kieku l-assigurat m’oggezzjonax bil-mod kif hemm stipulat f’dak l-Artikolu, l-assigurazzjoni kien ikollha kull dritt illi, meta tipprocedi kontra l-assigurat taghha ghar-rimbors, tavalla favuriha presunzjoni li l-assigurat huwa fit-tort u li ma jkunx ikun hemm il-bzonn li hija eventwalment iggib il-prova ta’ responsabbilta’ ta’ l-incident. Il-beneficcju ta’ l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi hija li b’rizultat taghha l-assigurazzjoni tehles mill-piz tal-prova dwar ir-responsabbilta’. Fil-kaz odjern is-socjeta’ assigurattrici ghaddiet biex ghamlet il-hlas minghajr ma segwiet tali procedura u ghalhekk kellha wkoll obbligu biex, fl-eventwali talba ghall-hlas ta’ l-*excess*, iggib il-provi sufficjenti li l-incident in kwistjoni jaqa’ fl-ambitu tal-polza ta’ l-assigurazzjoni u li l-incident *de quo* sehh b’tort ta’ l-assigurat.

Dawn l-ostakoli gew sorvolati kif gja’ inghad aktar ‘il fuq u konsegwentement, minkejja li s-socjeta’ attrici ma segwietx il-procedura stipulata fil-Kapitolu 104, it-Tribunal jidhirlu illi abbazi ta’ l-

istess polza hija xorta kienet intitolata li tghaddi biex taghlaq il-claim mat-terzi indipendentement minn tali procedura. Certament ma jistax jigi negat illi jekk ikun hemm *settlement* ta' claim propizju u spedizzjuz, wiehed ikun qieghed jevita proceduri gudizzjarji ulterjuri. Huwa ben maghruf li meta dawn isiru barra minn Malta huma kostuzi hafna u hafna drabi l-ispejjez legali jeccedi bil-bosta l-valur tal-mertu tal-kwistjoni u ghalhekk anki fuq bazi ta' ekwita' t-Tribunal jidhirlu li huwa gust u xieraq li din l-eccezzjoni tigi michuda.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjonijiet kollha sollevati ghandhom jigu michuda u inoltre, t-talba attrici tinsab debitament pruvata u tisthoqq li tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' l-Avviz bl-ispejjez kollha kif mitluba.**"**

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta bl-aggravji koncizament f'dawn it-termini:-

(1) It-Tribunal ma interpretax sewwa d-dispost ta' l-Artikolu 15 (4) tal-Kapitolu 104;

(2) Mix-xhieda attendibbli jirrizulta li ma gietx ezegwita l-procedura stipulata fil-precitat artikolu;

(3) Ankorke wiehed kellu jaccetta l-interpretazzjoni akkordata mit-Tribunal lill-klawsola 7 tal-polza ta' assikurazzjoni, ghall-fatt li din tikkozza mal-hsieb prevvist fl-Artikolu 15 (4) tirrendiha illegali;

(4) It-Tribunal ma setax jiehu konjizzjoni tal-kawza ghaliex ma kien hemm ebda talba dwar dikjarazzjoni ta' responsabilita. F'dan il-kuntest tissottometti illi la t-Tribunal iddikjara li kien hemm kompriza talba bhal din, allura l-azzjoni ma kienetx naxxenti mill-polza;

(5) Il-principji stabbiliti fid-decizoni "**Anthony Grech -vs- Claire Calleja *et***", Qorti Civili, 19 ta' Ottubru, 2007)

ma japplikawx in kwantu l-klawsola arbitrali kienet wahda volontarja u mhux bhal f'dak il-kaz imposta mil-ligi bl-Att dwar l-Arbitragg u allura anti-kostituzzjonali. Tikkontendi hawn is-socjeta` appellanti illi hi ma abbandunatx id-dritt taghha relattiv ghal klawsola arbitrali inserita fil-polza;

(6) Aggravji ohra sollevati jiccensuraw l-apprezzament mit-Tribunal in referenza ghar-responsabilita` dwar iz-zewg incidenti stradali u l-aktar dik tad-decizjoni tal-kumpanija assiguratrici attrici li thallas id-danni lit-terzi;

Wisq logikament, fil-hsieb tal-Qorti, l-obbjezzjoni l-aktar importanti hi dik enumerata (5) akkoppjata ma' l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ta' l-inkompetenza *ratione materiae*, in kwantu jekk din tirrizulta legalment fondata mhux il-kaz li din il-Qorti tghaddi 'l quddiem biex tinvesti l-aggravji l-ohra;

Hu provvdut fi klawsola 10 tal-Polza ta' Assigurazzjoni esebita a fol. 34 tal-process illi "*all differences arising out of this Policy shall be referred to the decision of an Arbitrator ...*" Kliem dawn li huma omni-komprensivi ta' kull xorta ta' dissensi emanenti mill-polza u mhux sempliciment cirkoskritti ghal kwestjonijiet relattivi ghal xi klawsola jew klawsoli partikulari ta' l-istess polza;

Fuq dan il-punt l-argomentazzjoni kollha tat-Tribunal issegwi dan il-perkors ta' hsieb:-

(1) Avolja l-klawsola suddetta ghandha l-utilita` taghha, ma jfisserx illi parti qeghda tabbanduna d-dritt li tressaq l-ilment taghha gudizzjarjament quddiem il-qorti ordinarja;

(2) Is-sentenza "**Calbre Industries Limited -vs- Muscat Motors Limited**", Appell, 25 ta' Frar, 2005 turi t-triq illi fejn iz-zewg partijiet kontraenti ma jikkollaborawx biex jaghtu effett lill-klawsola arbitrali, l-atturi ma kellhomx xelta ohra hlief li jistitwixxu l-kawza;

(3) Bi qbil ma’ l-enuncjazzjonijiet f’dik is-sentenza, it-Tribunal jghaddi biex jafferma fil-kaz in ezami illi ghalkemm saru xi laqghat bejn il-partijiet, is-socjeta` konvenuta ma invokat ebda talba biex il-vertenza tigi determinata permezz ta’ arbitragg;

(4) F’kull kaz, la ma jirrizultax ukoll illi bil-proceduri istitwiti s-socjeta` konvenuta sofriet xi pregudizzju, hu gust u ekwu li l-eccezzjoni tigi michuda;

Qabel kull kumment li jokkorri jsir fuq is-suesposti argomenti, ghal rifless iehor din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tas-socjeta` attrici fit-twegiba ta’ l-appell taghha fis-sens illi l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza sollevata kellha tinftiehem bhala wahda ristretta ghall-ezami taghha mill-ottika tal-Kapitolu 387. Lanqas it-Tribunal innifsu ma fehem li dan kien hekk il-kaz tant li kif hawn fuq muri, hu ghadda biex fil-parti esposittiva tas-sentenza okkupa ruhu mid-difiza tas-socjeta` appellanti fuq dik il-bazi. Jigifieri, li t-Tribunal kien hekk inkompetenti li jitratta l-vertenza in vista tal-klawsola arbitrali specifikata fil-polza;

Premess dan, il-precedenti gurisprudenzjali tal-Qrati taghna fuq il-materja jistghu jigu illustrati kif gej:-

(1) Il-patt li bih il-partijiet jirrimettu lill-arbitri l-kwestjonijiet li jistghu jinqalghu bejniethom dwar l-ezekuzzjoni tal-kuntratt huma validi u mhux kontra l-ligi. F’kaz bhal dan il-Qorti mhix kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta’ dawk il-kwestjonijiet, salvi r-rimedji gudizzjarji wara l-arbitragg, jekk ikun il-kaz skond il-ligi. Ara “**Walter Bonello *nomine* -vs- P.L. Ercole Valenzia *nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 30 ta’ Gunju, 1948 u “**Tenente Colonello Henry Nedham Foster *nomine* -vs- Antonio Gatt**”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Gunju, 1924;

(2) Patt bhal dan pero`, seta’ jigi rinunzjat, sew espressament sew tacitament. Ara “**Edward Rizzo *proprio et nomine* -vs- Major Arthur D. Abbott *proprio et nomine***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 28 ta’ Ottubru, 1952;

(3) Fil-fazi processwali dik ir-rinunzja tista' tkun dezunta jekk il-konvenut ma jopponix l-eccezzjoni relattiva *in limine litis*, ghax allura, kif rilevat, "*si ha da ritenere che egli vi abbia rinunziato ed in caso di tale rinunzia rivive la gurisdizione ordinaria e propria*". Ara "**Negte. Michele Zammit *nomine* -vs- Negte. Gennaro Civitelli**", Appell Kummercjali, 26 ta' Novembru, 1920;

Il-kaz attwali mhux wiehed minn dawn in kwantu l-eccezzjoni giet opposta *in limine litis*. Pjuttost il-vertenza taggira fuq il-binarju jekk, ciononostante, kienx hemm da parti tas-socjeta` konvenuta appellanti fil-fazi pre-processwali dik ir-rinunzja ghal klawsola kompromissorja minn xi atteggjament jew kondotta assunta minnha;

Minn xi sentenzi skrutinati tezisti diskordanza ta' veduti fuq dan il-punt. Ad ezempju, kienet il-fehma tal-Qorti ta' l-Appell Civili fid-decizjoni taghha tat-18 ta' Marzu, 1977 in re: "**Carmelo Galea -vs- Dr. Albert Camilleri *nomine***" illi r-rinunzja, (f'dak il-kaz tal-kumpanija assikuratrici) ma setghetx "lontanament titqies li titnizzel b'mod car u univoku sempliciment ghaliex il-kumpanija assikuratrici hallset bonarjament lil terza persuna involuta fl-istess incident u intavolat trattativi mad-difensur ta' l-appellant (l-attur f'dak il-kaz) bla ma ssemmiet il-klawsola arbitrali. Altru, infatti, tiftiehem jew tipprova tiftiehem amikevolment barra mill-Qorti u, altru, jekk il-ftehim ma jsehhx, tirrinunzja ghad-dritt li l-kaz, flok mill-Qorti, jigi deciz minn arbitru". Barra minn dan gie wkoll ragonat mill-istess Qorti kolleggjali, sede Kummercjali illi "l-qorti ma tarax li n-nuqqas ta' risposta tal-kumpanija konvenuta appellanti ghaz-zewg ittri (ta' l-attrici) jista' jigi interpretat bhala rinunzja ghal klawsola kompromissorja" ("**Maria Carmela Casha *nomine* -vs- Albert Mizzi *et nomine***", 5 ta' Gunju, 1985);

Fi zmenijiet aktar ricenti l-istess Qorti, inversament, iddecediet illi fejn il-parti konvenuta tkun baqghet passiva

u ma tkunx wiegbet ghall-missivi li ntbaghtulha din ghandha titqies li rrinunzjat tacitament ghall-effetti tal-klawsola arbitrali.  Ara "**Ignatius Gatt *et* -vs- Franco Facchetti *et***", 10 ta' Ottubru, 2003, segwita minn dik l-ohra fl-ismijiet "**Calibre Industries Ltd -vs- Muscat Motors Limited**", 25 ta' Frar, 2005.  Kif gja osservat, it-Tribunal fil-kaz odjern jiddikjara li jaqbel ma' l-espressjoni ta' fehma stabbilita f'dawn is-sentenzi l-ahhar citati;

Ghal din il-Qorti s-soluzzjoni mhix daqstant semplicistika. Anzi, b'kull rispett dovut, l-ghazla taghha hi x'aktarx inklinata versu l-hsieb profess f'dawk id-decizjonijiet anterjuri.  F'dan, il-Qorti ma tistriehx *sic et sempliciter* fuq l-awtorita` taghha imma ssib sostenn mill-konsiderazzjonijiet li ser isegwu:-

(1) Fl-ewwel lok, ma jistax jonqos li tigbed riflessjoni mill-insenjament konkordi tal-Qrati f'bosta sentenzi illi "ir-rinunzji huma *di stretto diritto* meta ma humiex espressi" ("**Paul Abela *nomine* -vs- Paul Azzopardi**", Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju, 1952). Jinghad, difatti, illi "*la rinunzia ad un diritto non si presume, e che per potersi ammettere la rinunzia tacita occorre che la stessa risulti da un atto o da un complesso di atti che suppongono necessariamente nel rinunciante la intenzione di abdicare il suo diritto, e che non potrebbero essere stati eseguiti o compiuti con intenzione diversa*". Ara "**James A. Galizia *nomine* -vs- Giuseppe Cassar Torreggiani *et***", Appell Civili, 11 ta' Dicembru, 1933 u "**Michele Tabone *et* -vs- Emmanuele Sammut *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Ottubru, 1950;

Certament, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, is-silenzju ta' parti kontraenti ma ghandux, ghal dak il-fatt biss, jitrasmoda ruhu f'dik ir-rinunzja cara u univoka, espressiva ta' xi volonta preciza inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt;

(2) Fit-tieni lok, lanqas, imbaghad, ma hu ta' skoll jew xkiel lill-kontroparti dak l-istess silenzju jew nuqqas ta' kollaborazzjoni ghax ghal dan jahseb is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 introdott fil-ligi procedurali bl-

Att XXIV ta' l-1995. Proprju dan l-artikolu jikkonferixxi gurisdizzjoni lill-qrati ta' kompetenza civili fil-presenza ta' ftehim ta' arbitragg, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, biex dawk il-qrati jaghtu kull ordni jew direttiva li tkun okkorrenti fil-kaz specifiku. A propozitu, kif spjegat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha ta' l-4 ta' Mejju, 1998 in re: "**Gorg Camilleri -vs- Hugh P. Zammit *nomine***", anke fuq ir-*ratio* ta' din id-disposizzjoni "l-Qrati Civili huma tenuti li jirrispettaw il-volonta` tal-partijiet u jassiguraw li l-vertenza bejniethom tigi epurata, deciza u sodisfatta tramite l-process arbitrali li huma kienu liberament ikkonvenew bejniethom", b'dan illi lill-istess Qrati Civili nghataw il-gurisdizzjoni "li l-procedimenti arbitrali jigu kondotti taht is-sorveljanza u kontroll taghhom proprju biex jigi assigurat li l-volonta` tal-kontraenti tigi rispettata". Fi kliem iehor, jekk tinsorgi divergenza bejn il-partijiet in mertu ghall-arbitragg jew il-konduzzjoni tieghu, il-Qrati ta' kompetenza civili nghataw il-poter li jaghtu kull ordni jew direttiva fir-rigward. Biex jinghad kollox, f'dan ma hemm xejn gdid li ma kienx gja jezisti qabel l-introduzzjoni ta' l-istess amenda. Effettivament dan tirrikonoxxih anke l-White Paper intitolata "Justice within a reasonable time" (Novembru, 1993) f'dik il-parti taghha li tghid illi "*the Commission understands that the obtaining position in Maltese case law is to the effect that the existence of an arbitration clause does not exclude the jurisdiction of the court totally, as the court will still retain a residual jurisdiction which it will be able to exercise in appropriate circumstances. This position is being retained and the amendment suggested by the Commission is to write into law the obtaining situation in our jurisprudence*";

(3) Fit-tielet lok, ankorke kellhom, ghall-grazzja ta' l-argoment, jghoddu r-riljievi sostenuti mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenzi recensjuri taghha fuq imsemmija, lanqas ma jirrizulta bhala stat ta' fatt fil-kaz in ispecje illi s-socjeta` assikuratrici attrici, *qua* parte kontraenti fil-polza, baghtet xi missivi lis-socjeta` appellanti invokanti l-klawsola arbitrali li ghaliha baqghet siekta l-istess socjeta`. Kif lanqas, del resto, ma jirrizulta illi, almenu, verbalment issollevat il-kwestjoni agitata f'xi trattattivi li seta' kellha ma' din is-socjeta` jew mal-*brokers* taghha.

Agguntivament, imbaghad, fil-fehma ponderata ta' din il-Qorti, in-nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta li hi stess tinvoka l-klawsola arbitrali ma ghadux jitraduci ruhu, bis-sahha ta' interpretazzjoni inflessibbli, ghal xi volonta` inekwivokabbli fis-socjeta` appellanti li hi ma riedetx tiggjova ruhha minn dik il-klawsola u kienet ghalhekk qed tirrinunzja tacitament ghaliha.  Minn ebda diskors jew kondotta pre-processwali dan ma huwa hekk dezumibbli. Rispettosament, imbaghad, din il-Qorti lanqas ma tista' taccetta bhala argoment guridikament valevoli illi, ghall-assenza asserita ta' pregudizzju lill-parti konvenuta, *ergo*, il-klawsola arbitrali kellha titqieghed *in disparte*, b'mod li allura jigi cirkuwit patt espress maqbul.  Dak il-patt, ligi ghall-partijiet li kkonvenewh [ara Artikolu 992 (1), Kodici Civili] ma setax lanqas jigi rizolut hlief bil-kunsens tat-tnejn.  Ara "**Antonio Cachia -vs- Balint Zottan**", Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Ottubru, 1936.  Ugwalment, l-ebda dritt ekwitattiv ma jista', jew ghandu, jservi ta' strument biex processwalment tigi arrogata kompetenza kontra dak li l-partijiet kontraenti jkunu liberament idderogaw minnu ghad-definizzjoni tal-kontroversja ta' bejniethom;

Taht dan il-profil din il-Qorti ma ssibx li tista' taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni tat-Tribunal fuq il-punt hawn dibattut.

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment ta' l-aggravju relattiv ghall-inkompetenza tat-Tribunal in vista tal-klawsola arbitrali fil-polza din il-Qorti qed tilqa' l-appell, tirrevoka d-decizjoni appellata u tillibera lis-socjeta` konvenuta *ab observantia*.  L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mis-socjeta` assikuratrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------